MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 393/2013

Il-Pulizija

[Spettur Maria Stella Attard]

Vs

Joseph Fenech

Illum, 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Fenech, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 299465M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-10 ta' April, 2013 ghall-habta ta' 09:30hrs fi Triq il-Wied, iz-Zurrieq, u f'dawn il-Gzejjer:

(1) Saq vettura bil-pjanca tan-numru tar-registrazzjoni 'Kynan' minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).

(2) Saq vettura bil-pjanca tan-numru tar-registrazzjoni 'Kynan' minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzat hati u ikkundannatu multa ta' €2,400 (elfejn u erba' mitt ewro) u issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Joseph Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Settembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellate u tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena u alternattivament u sussidjarjament f'kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija, li tvarjha u timmodifika s-sentenza appellata billi tvarjha l-piena inflitta ghal-piena ohra nqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

a) Ix-xhieda ta' Anthony Scinto u l-Affidavits

Illi l-imputazzjoni hija cara u specifika li tittratta mal-fatt illi l-allegat vjolazzjoni tal-ligi sehh gewwa triq specifika. Minghajr pregudizzju, l-provi prodotti juru kif effettivament l-allegat incident sehh f'parti ohra taz-Zurrieq.

Anthony Scinto waqt ix-xhieda tieghu fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2013 sostna li hwa waqqaf il-vettura misjuqa mill-esponent gewwa Triq il-Wied fil-lokalita taz-Zurrieq. Meta gie muri document u cioe` mappa biex jindika fejn waqqaf il-vettura

misjuqa mill-esponent, huwa ghamel marka fuqha fejn indika li kien waqqaf l-istess vettura gewwa. B'dana pero' li t-triq indikata minnu ma hijiex it-triq mertu tal-imputazzjoni izda triq ohra, senjatament Triq il-Wied iz-Zurrieq, fil-lokalita' taz-Zurreiq. Dan il-punt tqajjem fit-trattazzjoni finali izda ma saret ebda referenza fiha fis-sentenza finali. Huwa dan il-fattur tal-ahhar li l-Ewwel Qorti fl-umli fehma tal-esponenti ma kkunsidratux.

L-esponenti umilment jghamel referenza ghas-sentenza tal-Onorabli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet. "Il-Pulizija vs Warren Piscopo" deciza fid-19 ta' Ottubru, 2011 per imhallef David Scicluna fejn qalet:

> "Evidentement ma setax jinsab hekk hati galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m. F'kaz simili deciz minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2005, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal:
>
> **"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."**
>
> Dan japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern fejn il-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u fejn l-ewwel Qorti

> sabet htija skond kif spjegat fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza dwar incident li allegatament sehh ghall-habta tas-6.10 a.m. mentri l-incident li fih kien involut l-appellant sehh ghall-habta tas-6.10 p.m.
>
> Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita akkoljiment."

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-esponent ma jistax jinstab hati tal-akkuzi lilu addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew gewa Triq il-Wied taz-Zurrieq hekk kif l-istess Anthony Scinto indika fid-dokument esebit waqt il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u mhux kif hemm indikat fic-citazzjoni u cioe` fi Triq il-Wied iz-Zurrieq. Illi mill-provi li ngiebu quddiem l-Ewwel Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fi triq kompletament differenti.

b) Il-Piena

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponnet umilment jikkontendi li l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fit-tletin (30) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) Anthony Scinto fil-kapacità tieghu bhala field officer ghamel rapport l-ghassa taz-Zurrieq li ghal habta tad-disgha u nofs ta' filghodu (9.30 a.m.) l-appellant saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KYNAN minghajr ma kellu l-licenzja mgedda u polza tal-assikurazzjoni. In segwitù bdew dawn il-proceduri fejn l-appellant instab hati b'sentenza tas-sbatax (17) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013), gie ikkundannat ghall-multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta ma ikkunsidratx l-argument tad-Difiza illi filwaqt illi l-warden qal illi l-vettura twaqqfet f'Triq il-Wied, irrizulta illi twaqqfet fi Triq Wied iz-Zurrieq, zewg lokalitajiet ferm differenti. U in sosten ta' dan l-

appellant ikkwota favur tieghu decizjoni moghtija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) Il-Pulizija versus Warren Piscopo fejn minhabba zball fil-hin bejn 7.30 p.m. u 7.30 a.m. il-Qorti ma sabitx htija.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett ic-cirkostanzi huma ferm differenti. F'dan il-kaz mhuwiex si tratta ta' hin izda ta' isem ta' triq, it-tnejn fl-istess lokalità taz-Zurrieq, wahda Triq Wied iz-Zurrieq u l-ohra Triq Wied, iz-Zurrieq. Ukoll fl-imputazzjoni minbarra l-isem tat-triq issemmi ukoll "... u f'dawn il-gzejjer ..." fejn allura tkopri kull triq illi hawn f'dawn il-gzejjer fejn l-appellant seta' kien qed isuq minghajr licenzja u kopertura assikuratrici. Ma jidhirx illi hemm kwistjoni fuq il-meritu. Irrizlta car illi l-appellant la kellu licenzja tas-sewqan u lanqas assikurazzjoni u ghalhekk ghal dak illi huwa l-meritu ma hemmx aktar xi tghid u l-ewwel Qorti kellha ragun illi ssib htija.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, l-Qorti tirrileva illi s-sospensjoni tal-licenzja hija tassattiva li dwarha din il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni. Kif qalet il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" (4 ta' Awwissu 2006) il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghal ghajxien tieghu, anke jekk huwa l-kaz f'din il-kawza, "ma jintitolox lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------